# IS-SAĊERDOT JGĦIN LILL-BNIEDEM U LIS-SOĊJETÀ JGĦIXU FL-OTTIKA TAL-ETERNITÀ

*Omelija tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-funeral ta' Dun Joshua Muscat*
*Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur – L-Erbgħa 2 ta' Settembru 2009*

### *Il-mistoqsija dwar il-ħajja ta' dejjem*

X'għandi nagħmel biex ngħix, u possibbilment ngħix ħajja illi m'għandhiex tmiem? Din hija d-domanda li għamel ir-raġel għani tal-Vanġelu lil Kristu. Però hija wkoll id-domanda li nagħmel jien u rrid nittama li jagħmel kull wieħed u waħda minnkom, speċjalment f'ċirkostanza bħal tal-lum meta l-mewt qegħdin immissuha b'idejna, iktar u iktar meta tlifna żagħżugħ.

Kull bniedem jagħmel din id-domanda. Il-problema tafu x'inhi? Fejn infittxu t-tweġiba. Għaliex nistgħu nħabbtu l-bieb ta' min hu għaref, tal-filosofi, kif qed jagħmlu n-nies tal-lum. Imma għandna tweġiba li tissodisfana? Nistgħu nħabbtu l-bieb ta' dawk illi jassigurawlna l-futur billi jkollna l-ġid: l-ekonomisti tagħna. Imma b'daqshekk għandna tweġiba?

Il-Vanġelu jgħid li dan kien raġel għani. Imma minkejja li kien għani, xorta kellu fil-fond ta' qalbu din il-mistoqsija. Dan ir-raġel jersaq għand Kristu; hu interessanti d-djalogu li jgħaddi bejnu u l-Mulej Ġesù: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" (Mk:10,17). U Ġesù jibda jgħinu jiċċara ftit x'qiegħed ifittex billi jippreċiża li "ħadd ma huwa tajjeb ħlief Alla" (Mk:10,18). Ġesù ried ifissirlu li Alla biss jagħti t-tweġiba li timla l-qalb tal-bniedem. Alla li huwa l-istess ħajja u li ħalaq il-bniedem għall-ħajja, jagħti risposta għal din id-domanda eżistenzjali. Għaliex Kristu jħoss il-bżonn illi jgħidlu, jiċċara dan il-punt: "Alla biss", meta hu mar għand Kristu u Kristu seta' tah it-tweġiba diretta?

### *Kristu, l-Iben ta' Alla, iwieġeb għall-mistoqsija tal-bniedem*

Jien nisthajjel illi waħda mir-raġunijiet kienet għaliex għalkemm dan kien jaf bi Kristu, għalkemm dan ħabbat il-bieb ta' Kristu, imma lil Kristu ma kienx jagħrfu bħala l-Iben t'Alla li sar bniedem. Kristu nistgħu narawh taħt diversi aspetti. Nistgħu narawh bħala filantropu, nistgħu narawh bħala wieħed li għamel riforma soċjali, wieħed li ġġieled għad-drittijiet taż-żgħar. Imma dak mhux Kristu sħiħ. Kristu sħiħ huwa l-Iben ta' Alla. U forsi anke llum aħna għandna bżonn din il-preċiżazzjoni peress li anke aħna ġie li nħabbtu għand Kristu u mingħalina li lil Kristu nafuh, aħna li niċċelebraw lil Kristu. Tgħid illum il-ġurnata għandna bżonn lil xi ħadd li jgħidilna: "Alla biss huwa t-tajjeb?"; biex hekk, jekk aħna nersqu għand Kristu, dan nagħmluh għax nemmnu li Kristu hu Alla – Kristu hu l-Iben t'Alla.

Il-Mulej Ġesù jkompli jgħin lil dan ir-raġel biex isib it-tweġiba, u jgħidlu: "Inti l-kmandamenti tafhom: la toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tieħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor, weġġaħ lil missierek u 'l ommok" (Mk:10,19). Ir-raġel wieġbu li dawn il-kmandamenti kien iħarishom sa minn żogħżitu (Mk:10,20). Tindunaw, għeżież tiegħi, illi għalkemm kien josserva l-liġi, ma kellux ħajja fih. Ma kellux dik it-tama tal-ħajja ta' dejjem. Jien nibża' li din hija s-sitwazzjoni tagħna llum: illum aħna nafu x'inhuma l-kmandamenti. Aħna forsi nippruvaw nosservaw il-liġi. Imma gwaj għalina jekk din l-osservazzjoni tal-liġi tkun waħda esterna jew formali biss u ma tkunx espressjoni sinċiera ta' dak li hemm fil-qalb tagħna. Altrimenti anke aħna ħa nibqgħu insaqsu dik id-domanda: "X'għandi nagħmel biex ngħix?". Proprju għax il-kmandamenti nosservawhom skont l-ittra u mhux skont l-ispirtu, dawn mhumiex jagħtuna sodisfazzjon. Dan ifisser li m'aħniex ngħixu l-kmandamenti. Nosservawhom biss minn barra.

Imbagħad lir-raġel għani Ġesù jgħidlu: "Ħaġa waħda tonqsok... Ejja u imxi warajja" (Mk:10,21). Imma biex tiġi warajja, trid twarrab dak kollu li jista' jfixklek: il-ġid li għandek. Ma talbux ħaġa ħafifa, għeżież tiegħi. Tant illi San Mark jgħidilna li qabel m'għamillu din il-proposta, Kristu tefa' ħarsa ta' mħabba fuqu (Mk:10,21). Kienet din il-ħarsa ta' mħabba, l-mument ta' grazzja biex dan ir-raġel li qed ifittex biex jgħix, isib is-sigriet tal-ħajja: "ejja warajja" (Mk:10,21). Biex nimxu wara Kristu rridu nkunu distakkati minn dak kollu li hu tad-dinja.

### *Dun Joshua Muscat*

Aħna llum qegħdin nagħtu tislima u qegħdin noffru wkoll talba b'suffraġju ta' ħuna fis-saċerdozju Dun Joshua. Nista' ngħidilkom illi f'dan iż-żagħżugħ aħna stajna nilmħu bniedem illi emmen f'Alla, illi ħaddan lil Kristu bħala l-Iben t'Alla. Anzi aċċetta l-vokazzjoni saċerdotali biex ikun iktar xebh ma' Kristu u jagħmel lil Kristu preżenti fid-dinja tal-lum. Għandna

quddiemna żagħżugħ illi rċieva dik il-ħarsa ta' mħabba, li jien ngħid baqgħet takkumpanjah sa nhar it-Tnejn bil-lejl biex hu seta' jwieġeb b'mod ġeneruż u definittiv għas-sejħa li għamillu Kristu: "Ejja u imxi warajja". Verament kien distakkat minn dak kollu li huwa tad-dinja. Aħna li kellna l-grazzja li nkunu qrib tiegħu matul din il-marda, speċjalment f'dawn l-aħħar ġimgħat, nafu x'qegħdin ngħidu.

Joshua kien għalina mhux biss xhieda imma ta' kuraġġ kbir. Ġie li konna nagħmlulu dik id-domanda: "Imma kif taf li inti riesaq lejn il-mewt u għandek dik it-tbissima fuq fommok u dik is-serenità fil-qalb tiegħek?" Darba lili qalli: "Ma nafx. Mhux Hu?" Kien il-Mulej li tefa' l-ħarsa kollha mħabba tiegħu fuqu, imma kien ukoll Joshua li kellu rieda soda li jitlaq kollox, telaq kollox. U x'ħin solva l-unika preokkupazzjoni li kellu, imbagħad tassew intelaq kompletament f'idejn Alla, għeżież tiegħi. Huwa mudell għalina, għalina bħala Nsara.

### Il-ministeru tas-saċerdot

Naħseb li taqblu miegħi jekk ngħid illi aktar ma jgħaddi ż-żmien, id-domanda "x'għandi nagħmel biex ngħix?", aktar qed issir vuċi korali fis-soċjetà moderna! Il-bnedmin aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħdin jagħmlu din id-domanda: "X'ħa nagħmlu biex ngħixu, biex ikollna ħajja dinjituża?". Alla l-imbierek, fil-pjan providenzjali tiegħu, tana l-ministeru saċerdotali: is-saċerdot. Il-missjoni tagħna s-saċerdoti hi li nlaqqgħu l-bniedem ma' Alla. Il-missjoni tagħna hi li ngħinu l-bniedem biex ma jagħmilx mir-reliġjon sistema li tfixklu milli jiltaqa' ma' Alla; anzi, ir-reliġjon Nisranija, fl-awtentiċità tagħha, hija t-triq illi twassalna biex proprju nitwaħħdu minn din id-dinja ma' Kristu. Għalhekk is-saċerdot għandu din il-missjoni: li jgħin lill-bniedem jagħmel dixxerniment ta' x'inhi s-sejħa li qed jagħmillu Alla llum u jgħinu jgħix din is-sejħa bil-fedeltà. Għax Alla għandu pjan għal kull wieħed u waħda minna.

Is-saċerdot huwa dak illi jgħin lill-bniedem u lis-soċjetà jgħixu proprju fl-ottika tal-eternità – verità li għinni nirrifletti dwarha Dun Joshua. Għaliex bl-attitudni tiegħu, speċjalment matul il-marda, Joshua kien jurina ċar illi fil-prospettiva tal-eternità kollox huwa telf u knis (Fil: 3,8-9) – attitudni illi mhix faċli niksbuha; jien nitlob lill-Ispirtu s-Santu jgħin lill-Knisja tagħna biex ngħixuha. Għax ħafna drabi nħoss illi m'aħniex ngħixu f'din il-prospettiva tal-eternità. Kieku ċerti affarijiet jinbidlu għall-aħjar u ma jdumux.

Imma jekk is-saċerdot għandu din il-missjoni hekk indispensabbli biex jgħin lill-bniedem isib tweġiba ta' x'għandu jagħmel biex jgħix, nistaqsi: "Għaliex, Mulej ħadtulna lil dan is-saċerdot, li bilkemm iċċelebra it-tieni anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu?" Jien nistaqsi: "Għaliex Mulej, fil-bidu tal-ministeru episkopali tiegħi, inti ħadtli t-tielet wieħed li jiena poġġejt idejja fuqu u tajtu l-Ordni Sagri? Għaliex?"

### L-identità tas-saċerdot

Imma nara li anke dan is-saċerdot, Joshua, jagħtina risposta għal dawn id-domandi. Huwa jgħinna nifhmu x'inhi l-identità vera tas-saċerdot. Mhix kwistjoni ta' kemm jagħmel is-saċerdot, imma x'jagħmel; mhux il-kwantità ta' ħidma tgħodd, imma l-kwalità tal-ministeru tiegħu.

Joshua għallimna li veru l-ministeru saċerdotali huwa marbut mal-predikazzjoni tal-kelma, tal-Bxara t-Tajba. Imma l-kelma t'Alla nxandruha mhux biss bil-fomm imma anke bl-eżempju, anke bis-skiet tagħna. Dan is-saċerdot għallimna illi aħna mhux biss għandna niċċelebraw l-Ewkaristija, imma ngħixu l-Ewkaristija, u nagħmlu minn ħajjitna offerta sħiħa mal-offerta ta' Kristu vittma lil Alla l-Missier, għall-fidwa tal-bnedmin.

Iva, dan is-saċerdot għallimna ħafna, anke f'dawn is-sentejn ta' ħajja ministerjali, dwar x'inhi l-identità saċerdotali tagħna. Ma kinitx nieqsa fih d-disponibbiltà biex ixandar 'l Kristu, mhux f'Għawdex, imma anke 'l hinn minn xtutna. Niftakar, fix-xhur wara li sar saċerdot, meta kont niddiskuti miegħu x'hemm bżonn għad-djoċesi tagħna, kelli ħafna tamiet fih! U meta tlabtu biex imur ħalli jkompli bl-istudji tiegħu, biex ikollna lil xi ħadd li jagħti kontribut għat-tisħiħ tal-familja, partikularment lill-familja Nisranija, Joshua qalli: "Imma ħallini mmur Turin, fil-parroċċa ta' Nichelino." Kien għadu kif miet ħuna Dun Ġużeppi Galea, u Dun Joshua qalli: "Ħallini mmur nimla ftit minn dak il-vojt", għax Dun Ġużepp, Fr Joe, kien bena struttura sportiva magħrufa bħala Don Bosco, u kien hemm il-biża' li jekk ma jkunx hemm saċerdot disponibbli biex isegwi dawk iż-żgħażagħ, din l-istruttura kienet tisfaxxa. Dun Joshua xtaq imur hemm għal ftit snin, imbagħad kien lest li jkompli bl-istudji dwar il-familja kif xtaqt minnu jien. Kien ġeneruż ħafna. Imma l-pjani t'Alla mhumiex il-pjani tagħna l-bnedmin u l-ġenerożità tiegħu kompla juriha sal-aħħar jum tal-ħajja tiegħu.

### L-eżempju ta' Dun Joshua

Jiena ma nistax ma nħossx għafsa ta' qalb għat-telfa ta' ibni Dun Joshua. Però nħoss għafsa ta' qalb ukoll, jekk mhux iktar, meta dawk li għadhom magħna ma jgħixux is-saċerdozju bil-karatteristiċi li semmejtilkom. Din l-okkażjoni għandha tkun għalina wkoll mument biex aħna nitolbu għall-qdusija tagħna s-saċerdoti: itolbu ħalli l-Knisja tagħna ma tiġix nieqsa minn vokazzjonijiet saċerdotali. Dan il-mument ta' niket jista' jinbidel f'mument ta' ferħ għaliex din il-ġrajja

ta' Joshua qanqlet diskussjoni u riflessjoni f'Għawdex tagħna dwar il-valur tal-ħajja. Jien ma kontx hawn dawn il-jiem għax kont fuq pellegrinaġġ djoċesan. Kont insegwi mill-bogħod u naf x'kien qed jiġri. Xi ħadd qalli li f'dawn il-jiem f'Għawdex kien hawn tensjoni pożittiva għax in-nies tkellmet fuq Joshua u fuq il-valur tal-ħajja. Bħal intbaħna li l-ħajja hi sabiħa, imma daqshekk ukoll hija fraġli għax filli mimlijin bis-saħħa u filli m'għandniex il-ħila nerfgħu rasna jew dirgħajna.

F'dawn il-jiem Dun Joshua żgur illi għenna nirriflettu iktar dwar l-identità saċerdotali tagħna – xi ħaġa li jixtieqha minna l-Papa matul din is-sena ddedikata għas-saċerdozju Kattoliku. Dun Joshua jgħinna biex il-Knisja tagħna ma titlifx id-dimensjoni missjunarja tagħha. Għaliex anke l-Italja hija art tal-missjoni: staqsu 'l dawn li hawn fuq din in-naħa, mill-parroċċa ta' Nichelino. Jien irrid nittama li l-Mulej jagħtina wkoll vokazzjonijiet biex dak li nbeda mis-saċerdoti tagħna fil-Knisja f'Torino, jitkompla.

Dun Joshua f'dawn il-jiem uriena l-ġmiel tal-presbiterju djoċesan. Forsi tafu, forsi ma tafux li din il-ġimgħa b'mod iktar minn ġranet oħra, id-dar ta' Toni u Nathalie kienet qisha ċ-Ċenaklu, bis-saċerdoti deħlin u ħerġin għandhom. Din il-ħaġa kienet ta' sodisfazzjon kbir għalija bħala ragħaj spiritwali tagħkom: li nara s-saċerdoti magħqudin flimkien. Iva, Dun Joshua uriena s-sabiħ tas-sapport li jistgħu jagħtu l-familja u l-ħbieb lis-saċerdot. Għalkemm għadna ma wasalniex f'dak l-istadju li jkollna ħafna saċerdoti jgħixu waħedhom, għandna diġà xi wħud li qed jgħixu hekk, u 'l quddiem ikollna iktar; u għalhekk kemm hu sabiħ illi jkollna dan is-sapport morali u affettiv tagħkom, għeżież tiegħi.

B'dawn il-ħsibijiet nixtieq insellem lil Dun Joshua, u nixtieq illi întom tibqgħu tiftakruh bħala saċerdot illi qanqal fina dawn ir-riflessjonijiet. Forsi – u dan huwa l-pjan li aħna ma nifhmux ta' Alla – , il-Mulej ried illi f'din is-sena saċerdotali aħna niċċelebraw ukoll mhux il-funeral, imma l-passaġġ ta' dan is-saċerdot għall-eternità, għall-ħajja ta' dejjem, biex proprju aħna lkoll, saċerdoti u poplu t'Alla, napprofittaw minn dan il-mument ta' grazzja u ngħożżu iktar id-don tas-saċerdozju.

---

# KONFLITT TA' ĊIVILTAJIET

*Omelija ta' Mons. Isqof waqt il-Quddiesa Pontifikali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina, Xagħra it-Tnejn 8 ta' Settembru 2009*

F'epoka ta' konflitti ta' ċiviltajiet, iċ-ċiviltà Kristjana tal-Ewropa kulma jmur qiegħda tiddgħajjef. Fattur ewlieni f'dan il-proċess huwa l-liberaliżmu li min-natura tiegħu jirrifjuta d-dimensjoni reliġjuża. Effett ta' dan, illum għandna politiċi, leġiżlaturi, xjenzjati u ħassieba li jagħżlu li fl-operat tagħhom ma jagħmlu ebda riferenza għal Alla. Sfortunatament anke xi Nsara llum jidhru konvinti li biex ikunu *politically correct*, ikun aħjar jekk ma jesprimux il-konvinzjonijiet Insara tagħhom fil-pubbliku. Dan l-atteġġament qabbad fl-Ewropa proċess ta' apostasija tal-Kristjanità.

Il-festa tal-Vittorja hija marbuta ma' żewġ ġrajjiet li seħħew snin ilu fl-istorja ta' ġensna, imma fl-istess waqt jispiraw proċess li għadha għaddejja minnu ċ-ċiviltà tagħna.

Il-konfront mat-Torok fl-Assedju l-Kbir ifakkarna fil-preżenza tal-Islam fl-Ewropa u f'pajjiżna. Ċertament li l-Islam huwa wieħed mill-qawwiet morali tal-umanità u d-djalogu bejn il-Musulmani u l-Insara għandu jissokta għax jista' jagħmel il-ġid. Imma n-nuqqas ta' tolleranza li naraw f'ħafna pajjiżi Islamiċi, peress li xi membri ta' din ir-reliġjon ma jagħrfux id-dritt għal-libertà reliġjuża u d-dritt għal-libertà tal-kuxjenza, joħloq tħassib serju, aktar u aktar meta fil-prinċipju dawn ma jeskludux l-użu tal-vjolenza. Dawn huma żewġ prinċipji importanti fin-nisġa taċ-ċiviltà tagħna.

Għalkemm fit-8 ta' Settembru 1943, bdiet l-irtirata tan-Nażiżmu bl-iffirmar tal-armistizju mill-Italja, xi kultant l-ispirtu Nażista jinħass fostna llum. Kif in-Nażi riedu jeqirdu lil-Lhud biex jassiguraw razza pura, illum fostna hawn min irid, bl-iskuża biex ma nitħalltux ma' nies b' ġilda skura, jagħlaq il-bieb għal dawk l-immigranti li qegħdin jaslu fuq xtutna fuq id-dgħajjes. Anke jekk għall-argument dawn l-immigranti huma kollha Musulmani, kif ipprova jallega xi ħadd, xorta ma għandniex nagħlqu qalbna għalihom - fl-aħħar mill-aħħar, il-Musulmani huma proxxrnu wkoll! Però tajjeb niftakru li fost dawn l-imsejkna immigranti hemm ukoll għadd ta' Nsara. Ma nistgħux nippermettu li dak li għamlu n-Nażi fl-olokawst, jirripeti ruħu fi żmienna f'mod jew ieħor. Huwa minnu li l-mezzi tagħna huma limitati ħafna biex nindirizzaw din id-dramma umana waħidna, imma fl-assenza ta' mezzi materjali, n-nazzjon għandu vuċi li tista' tinstema' f'fora internazzjonali u tinterpella għal aktar ħidma fattiva favur din il-kawża.

L-esperimenti fuq il-bniedem li kienu jagħmlu n-Nażi fil-kampijiet tal-konċentrament ifakkruna fi-istess esperirnenti umani li jsiru llum fil-laboratorji. F' ċerti każi, l-inġinerija ġenetika hija manipulazzjoni tal-ħajja umana. Xi wħud qegħdin jistennew li jkollna qafas legali li jagħti liċenzja biex isiru ċerti interventi kemm biex inisslu l- ħajja, kif ukoll għal motivi terapewtiċi. Li jkollna leġiżlazzjoni li tirregola dawn il-prattiċi huwa urġenti. Wieħed jistenna li din tkun tirrispetta l-liġi t'Alla. Għal kull eventwalità, wieħed dejjem għandu jżomm quddiem għajnejh li mhux dak kollu li legalment jista' jsir, huwa moralment jew etikament leċitu.

L-individwaliżmu, l-utilitarjaniżmu u l-egoiżmi li ħolqu sistemi rrendew is-soċjetà ta' żminijietna inċivili! F'dan il-kuntest, in-Nisrani huwa msejjaħ biex jipproponi ċ-ċiviltà tal-imħabba. Mhux biżżejjed li llum għamilna liġijiet li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem, għax jekk jonqos ir-rispett u s-sens ta' qadi lejn l-oħrajn, anke l-ugwaljanza quddiem il-liġi tista' sservi bħala alibi biex ikun hemm diskriminazzjoni u sfruttament. Għalhekk f'din iċ-ċiviltà tal-imħabba, l-istess ġustizzja tiġi integrata u sublimata fl-imħabba.

# *BIEX NIRBĦU L-VOJT ETIKU*

*Messaġġ ta' Mons. Isqof waqt Konċelebrazzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu fil-Belt fl-okkażjoni tat-800 sena anniversarju mill-ksib tar-Regola mill-Papa*

Il-bierah filgħaxija (il-Ħadd 4 ta' Ottubru 2009) l-Isqof Mario Grech kien il-mistieden tal-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri li ċċelebrat it-800 sena minn meta San Franġisk kiseb l-approvazzjoni tar-Regola mill-Papa. L-Isqof Grech mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu l-Belt u wassal dan il-messaġġ:

Il-vojt etiku li jinħass fl-Ewropa huwa wieħed mir-raġunijiet għaliex fl-Ewropa hawn sistemi inġusti u korrotti. Aktar ma l-bniedem ikun sajjem dwar kriterji etiċi u morali, aktar tkompli tikber id-distanza bejn min huwa mejjet fis-sakra u min huwa mejjet għal qatra! Għalhekk illum fl-Ewropa u fil-Knisja neħtieġu bnedmin karizmatiċi bħal San Franġisk t'Assisi li 800 sena ilu ta' bidu għal moviment qawwi li għen lis-soċjetà ta' żmienu tikxef il-wiċċ moħbi ta' Alla fi Kristu biex hekk setgħet tikxef il-wiċċ uman tal-bniedem.

Kif il-moviment li inawgura San Franġisk bil-predikazzjoni tal-Evanġelju kien okkażjoni f'waqtha biex ħafna reġgħu sabu l-qafas etiku u morali li kien meħtieġ biex iċ-ċittadini jqiegħdu d-dar tagħhom f'postha, l-istess predikazzjoni tal-Bxara t-Tajba llum tista' tgħin lil ħafna biex tiġi evitata r-rovina ta' "darna". Din id-"dar" għandha diversi dimensjonijiet: hija l-ħajja personali tagħna, hija l-familja, in-nazzjon u l-istess dar Ewropea!

L-istess esperjenza li inċentivat lil San Franġisk biex iqajjem din ir-rivoluzzjoni spiritwali u soċjali tista' tkun l-esperjenza tagħna llum jekk bħal Franġisku t'Assisi aħna nagħmlu mill-Evanġelju l-ktieb tal-ħajja; però jrid ikun l-Evanġelju sħiħ mingħajr tidwir jew tnaqqis. Billi min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu, mhux għaġeb li fil-Knisja għandna min għadu ma ltaqax ma' Kristu! Sfortunatament fil-Knisja wkoll dawk li għandhom il-ministeru tal-Kelma xi drabi jibqgħu lura milli jitkellmu dwar Kristu jew li jippritkaw l-Evanġelju sħiħ.

Biex il-qawwa tal-Evanġelju titwemmen, bħal ma għamel Franġisku, il-komunità ekkleżjali trid tħaddan u tbus lil-lebbrużi ta' żmienijietna. Huma diversi dawk li llum qed jiġu esklużi mill-"pjazza" jew minn fuq iz-"zuntier". Per eżempju, hemm dawk li ma humiex fi żwieġ regulari u l-emigranti irregulari. Huwa urġenti li l-komunità Nisranija tiżen x'atteġġjament qed tieħu quddiem dawn il-kategoriji. In-nies tal-Knisja, speċjalment is-saċerdoti u r-reliġjużi, ma jistgħu qatt jirrinunzjaw għall-"pastorali tat-triq" li twassalhom biex ikunu qrib il-poplu.

San Franġisk irrifjuta li jkun konformista mad-drawwiet u r-regoli stabbiliti mis-soċjetà u l-Knisja ta' żmienu; flok ma rrepeta skemi mfassla minn ta' qablu, għażel li jagħti tweġiba ġdida u friska għall-ħtiġijiet ta' żmienu. Fl-istess ħin huwa dejjem fittex il-konferma ta' min kien imexxi l-komunità ekkleżjali. Kien għalhekk li fl-1209 talab lil Papa Innoċenz III japprovalu l-ewwel regola tal-moviment Franġiskan! Ikun gwaj serju ħafna jekk xi ħadd jidhirlu li fil-Knisja nistgħu nissagrifikaw il-komunjoni ġerarkika!

It-test sħiħ tal-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech jidher aktar 'il quddiem.

***Nota tad-Direzzjoni:***

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.